# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Mejju 1999**

**Numru 4**

**Citaz. numru 1437/95 DS**

**Annunziato sive Lany Calleja**
**vs**
**Anthony Gilson**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Ottubru 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

Billi fil-21 t'April, 1995 ghall-habta tat-8.20 a.m. waqt li iben l-attur Anthony Calleja kien qed isuq il-Metro numru F-7338, propjeta ta' l-attur, minn Notabile Road, Attard miexi fid-direzzjoni tar-Rabat, l-istess Anthony Calleja kien involut f'incident tat-traffiku mal-vettura numru M-2339 misjuqa mill-konvenut;

Billi dan l-incident gara minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li, ghalkemm kellu Stop sign hu u hiereg mit-triq ta' Mount Carmel Hospital ghal fuq it-triq tar-Rabat (li hi arterja principali) naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet nrcessarji u hareg ghal fuq il-main road meta d-driver tal-Metro kien vicin wisq biex jieh azzjoni evasiva;

Billi bhala rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra diversi danni, konsistenti principalment fi hsarat fil-Metro numru F-7338 u t-tiswijiet relattivi:

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

(1) tiddikjara u tiddeciedi li l-kollizjoni li grat f'Notabile Road, Attard fil-21 t'April 1995 bejn il-Metro numru F-7338 misjuqa minn Anthony Calleja, iben l-attur, u l-vettura numru M-2339 misjuqa mill-konvenut li wera traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

(2) tillikwida d-danni li sofra l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident;

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidat, u dan jekk hemm bzonn wara li jigi nominat perit mill-Qorti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru 1995 u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li jibqa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent mhux responsabbli ghall-kollizjoni msemmija fic-citazzjoni u ghalhekk ghandu jigi liberat mit-talbiet ta' l-attur.

2. illi iben l-attur u cioe' Anthony Calleja kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni billi kien hu li b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizia, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkawza l-incident awtomobbilistiku indikat fic-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra f'kaz ta' bzonn.
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-31 ta' Jannar 1996 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit legali biex jirrelata dwar it-talba tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-26 ta' Marzu 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

**Il-Provi Prodotti**

Ix-xufiera taz-zewg vetturi involuti f'dan l-incident li gara f'Notabile Road, Attard, quddiem id-dahla ghal Mount Carmel Hospital, kienu wahedhom. Il-vettura Metro numru F-7338 hija proprjeta' ta' l-attur u kienet qed tinsaq minn ibnu Anthony Calleja li kien sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat. Il-vettura numru M-2339 appartenenti lid-Dipartiment tas-Sahha kienet qed tinsaq mill-konvenut li kien hiereg minn Mount Carmel Hospital.

Anthony Calleja xehed li kien qed isuq b'velocita' ta' cirka 35 k.f.s. Il-konvenut baqa' hiereg u ma waqafx fuq l-istop sign. Huwa ghafas il-brake izda l-karrozza tieghu laqatha fuq in-naha tad-driver u tal-konvenut fuq in-naha tad-driver fuq wara. Il-karrozza tal-Gvern kienet fuq il-lane tieghu meta grat il-habta. Bid-daqqa li ha spicca n-naha l-ohra. Mill-istop sign sal-lane "going down" il-konvenut baqa' hiereg "sharply". Il-brake marks tieghu jiksru lejn il-lemin fuq il-karreggjata opposta ghax ippressa l-brakes u daqq il-horn.

Anthony Gilson qal li kien hiereg minn Mount Carmel Hospital u ried idur lejn H'Attard. Waqaf hdejn l-istop sign u meta ra li ma kien gej hadd hareg bid-dritt biex jigbed 'l isfel. F'daqqa wahda sema' brake qawwi u hass id-daqqa, u sab ruhu fuq il-bankina. Il-vettura l-ohra laqtitu fuq ir-rota ta' wara tal-lemin. Il-vettura l-ohra ma kien raha fl-ebda hin u minn fejn waqaf seta' jara distanza notevoli. Il-vettura l-ohra kienet tiela' bi speed qawwi u dan seta' jghidu ghax sema' l-brakes iwerzqu. Kien diga' fil-lane l-iehor meta habtu. L-ahhar haga qabel ma hareg mill-istop sign hares lejn il-lemin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali josserva li galadarba l-konvenut kien hiereg minn "stop sign" kellu l-obbligu li jieqaf sakemm it-traffiku jippermettilu li jaqsam, iktar u iktar meta hu kellu jattraversa t-triq kollha biex isuq fid-direzzjoni tal-Belt. Madankollu l-konvenut qed jaddossa t-tort fuq iben l-attur ghaliex qed ighid li dan kien gej b'velocita' eccessiva u hu (il-konvenut) kien diga' qabad it-triq tieghu filwaqt li iben l-attur gibed 'il barra ghal xi raguni (il-konvenut ighid li biex jissorpassa – Anthony Calleja jghid biex jipprova jevita lill-konvenut).

Gustament il-perit legali ghamel referenza ghall-obbligu tas-sewwieq li jkun wara “stop sign” li jieqaf u ma jkomplix fi triqtu qabel ma jkun assolutament cert li jista’ johrog fit-triq principali minghajr periklu.

Irrefera wkoll ghal xi decizjonijiet tal-Qrati taghna fejn gie ritenut li d-driver li jkun wara “stop sign” ghandu d-dover li taht l-ebda cirkostanza m’ghandu johrog fuq il-main road qabel din tkun talment libera li ma jfixkel xejn lil min ikun ghaddej fit-triq principali anke jekk dan ikun qed jaghmel sorpass, li hu intitolat li jaghmel (Vincent Mallia vs George Azzopardi, Prim’Awla, 27 ta’ Frar 1990; Francis Xerri vs David Zerafa, prim’Awla, 26 ta’ Frar 1991). Huwa spjega li hemm decizjonijiet kuntrarji izda li f’dal-kaz m’hemm l-ebda prova li iben l-attur kien qed jissorpassa.

Inoltre kkwota minn zewg testi dwar is-sewqan u kollizjonijiet:

**(1) Driving; the Department of Transport Manual**, pagna 93:
*“You must stop; you must not then drive on and enter a major road until you can do so without causing danger or making drivers on that road change speed or direction.”*

**(2) Negligence and Delict**, pagna 369, ta’ Macintosh and Scoble:
*“The driver, upon approaching a stop sign must bring his vehicle to a complete halt and must look and listen in both directions in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away, at what speed they appear to be progressing and then only if he is quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection, may he proceed further. If a driver is involved in a collision his failure to do all this enters into the picture and is one of the circumstances which has to be taken into account in order to determine whether he was negligent or not.”*

Il-perit legali kkonkluda li fil-kaz in ezami jidher li l-konvenut hareg ghal got-triq principali minghajr ma osserva dawn il-pratici kollha. Hu minnu li karrozza gejja mit-triq principali ma tidhirx qabel ma tkun kwazi waslet minn fejn kien hiereg il-konvenut izda dan ma jnaqqas xejn mir-responsabiltajiet tieghu; semmai fic-cirkostanzi kellu izjed joqghod attent li johrog meta ma jkunux gejjin karrozzi mit-triq principali. Huwa minnu illi l-“brake marks” li thallew mill-vettura misjuqa minn Calleja jigbdu ‘l barra izda dan hu facilment spjegabbli billi jidher li hu gibed lejn il-lemin f’tentattiv biex jevita l-vettura misjuqa mill-konvenut li hargitlu fin-nofs. Konsegwentement il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

M'hemmx dubju li Notabile Road, it-triq mnejn kien ghaddej Anthony Calleja, hija "main road" filwaqt li t-triq mnejn kien hiereg il-konvenut hija "side road". Biss biss f'din ta' l-ahhar hemm "stop sign" li huwa sinjal ta' avvertiment lil min ikun se johrog fuq Notabile Road li ghandu jieqaf biex jesplora sew it-triq principali qabel ma johrog u johrog biss meta jkun cert li jista' jaghmel hekk minghajr periklu ghal haddiehor li jkun qed jipprocedi fil-"main road". Naturalment il-"main road user" ghandu certi obbligi wkoll, u cioe' li ma jinforzax id-dritta tieghu b'tali mod li ma jzommx "a proper look-out" u ma jarax dak li hu "in plain view". Fl-istess hin il-"main road user" ikun jistenna li sewwieqa ohra josservaw ir-regolamenti tat-traffiku (Joseph Tonna vs John Peresso et, Prim'Awla, 30 ta''Gunju 1981; Joseph Camilleri vs Joseph Demicoli, Qorti ta' l-Appell, 27 ta' Lulju 1981).

Il-post fejn gara l-incident jipprezenta certu periklu minhabba li Notabile Road hija arterja principali u l-vetturi jinsaqu b'certa velocita' u t-triq mnejn kien hiereg il-konvenut taghti ghal Sptar mnejn allura wiehed jistenna certu volum ta' traffiku. Barra minn hekk 'l isfel mit-triq ta' l-Isptar lejn il-Belt hemm kurva fit-triq li ma tippermettix vista fit-tul. Difatti ghal certa distanza fl-art ta' Notabile Road hemm miktub bl-ittri bojod kbar u ghal diversi drabi l-kelma "SLOW", intiza naturalment biex min ikun gej mit-triq principali, minhabba precizament il-volum ta' traffiku li jutilizza t-triq ta' l-Isptar Mount Carmel u anke minhabba li jkun hemm nies li jaqsmu t-triq ghax jaghmlu uzu minn bus stop li hemm faccata, jisslowja biex ma jkunx hemm sorprizi.

Fil-kaz in ezami Anthony Calleja qal li kien ghaddej b'xi 35 k.f.s. Pero' l-brake marks tal-karrozza tieghu u li jirrizultaw mill-isketch (li Calleja stess ighid li jaqbel mieghu) jindikaw speed aktar elevat. Difatti fuq l-istess sketch hemm indikat li l-brake marks kienu ta' 28 metru. Dan jindika speed ta' madwar 70 k.f.s. Fl-istess hin wiehed irid iqis ukoll li t-trajettorja tieghu waqfet hesrem bid-daqqa fuq il-karrozza misjuqa mill-konvenut; u d-daqqa kienet wahda sostanzjali kunsidrat l-ammont ta' danni fil-karrozza ta' l-attur u l-fatt li l-vettura misjuqa mill-konvenut spiccat imdawra thares lejn l-entratura tat-triq ghal Mount Carmel u bir-rota ta' wara tal-lemin fuq il-bankina.

Izda x'tista' titqies bhala l-kawza prossima ta' l-incident?

Fl-okkorrenza esebita li, pero', ma gietx ikkonfermata mill-imsemmi P.S. 625, insibu din id-deskrizzjoni:

"Ix-xufier tal-c/no. F-7338 qal li waqt li kien qieghed isuq go Notabile Rd Attard, kif wasal quddiem id-dahla li taghti ghal Mt Carmel hareg v/no M-2339(M) u habat mieghu. Huwa kien sejjer lejn ir-Rabat. Ix-xufier tal-c/no. M-2339 (M) qal li waqt li kien hiereg minn Mt Carmel ghal go Notabile Rd, wasal kwazi go nofs it-triq sejjer lejn B'Kara giet c/no. F-7338 u habtet mieghu."

L-ewwel nett jigi osservat li ma jistax ikun li l-konvenut hareg mid-dahla lejn Mount Carmel hekk kif Calleja wasal quddiemha peress li anke l-brake marks jindikaw li gew applikati qabel id-dahla. Dwar dak li suppost qal il-konvenut hemm ukoll diskrepanza ghax meta xehed sostna li meta giet id-daqqa kien kwazi diga' dritt ihares 'l isfel fil-lane l-iehor.

Fil-fatt mill-isketch stess meta wiehed jara sa fejn jaslu l-brake marks, jidher li l-konvenut in effetti kien fil-lane tieghu meta giet id-daqqa. Inoltre d-daqqa fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet fuq il-genb ta' wara tal-lemin. Pero' l-Qorti, bhall-perit legali, mhijiex soddisfatta mill-asserzjoni kontenuta fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut li Calleja kien qieghed jissorpassa vettura ohra. Difatti tali asserzjoni la tirrizulta mill-okkorrenza u lanqas ma jsemmiha l-konvenut fix-xiehda tieghu. Fil-fehma tal-Qorti l-brake marks jibqghu sejrin sal-lane oppost peress li Calleja kien qieghed jipprova jevita l-kollizjoni u mhux ghax kien qieghed jissorpassa xi vettura ohra. Anzi mix-xiehda stess tal-konvenut jirrizulta li hu lanqas biss kien raha l-karrozza misjuqa minn Calleja. Ighid li sema' brake qawwi u hass id-daqqa. Dan nonostante li, kif qal il-konvenut, l-ahhar haga li ghamel qabel ma hareg kien li hares lejn il-lemin.

Hawn il-Qorti jkollha tistaqsi: Kemm hares sew? Kemm dam jesplora? Kemm stenna qabel ma hareg? Qaghad attent biex jisma' humiex gejjin karrozzi min-naha tal-lemin tieghu galadarba d-distanza tal-vizwali mhijiex kbira? Meta ddecieda li johrog, hareg bil-mod?

Jidher li dak li gara kien li hekk kif il-konvenut iddecieda li seta' johrog u beda miexi, dar il-kurva Calleja li nhasad hekk kif sab il-vettura misjuqa mill-konvenut taqsam it-triq, ipprova jevita l-habta billi bbrejkja u gibed lejn il-lemin izda ma setax jieqaf tempestivament. Il-kawza prossima ta' l-incident ghalhekk kien il-hrug tal-konvenut minn fuq l-istop sign biex jaqsam it-triq u b'hekk ostakola l-"flow of traffic". Ghalkemm l-ispeed ta' Calleja kien, kif diga' ntqal aktar 'il fuq, oghla milli huwa stqarr u

forsi jista' jinghad liberament ukoll mhux in ottemperanza ta' l-avvertiment lis-sewwieqa biex jisslowjaw, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari tesponi lis-sewwieq sija jekk dan ikun main road user u sija jekk ma jkunx, ghal proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appoziti, tali velocita' eccessiva fiha nnifisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilta' ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit soddisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhal l-kawza prossima ta' l-akkadut (Anna Stanley vs Alan Zahra, Prim'Awla, 23 ta' Marzu 1993, Vol. LXXVII.iii.93). Fil-kaz in ezami jidher li dak li pprovoka l-incident kien il-fatt li l-konvenut invada t-triq principali qabel ma accerta ruhu li seta' jaghmel hekk bla hsara ghal traffiku li seta' kien gej, u jinghad "seta'" minhabba li, kif diga' gie osservat, il-vizwali lejn il-lemin hi limitata ghal dik li hi distanza u min johrog minn fuq l-istop sign in kwistjoni jrid jaghmel hekk wara li jiehu l-prekawzjonijiet kollha possibbli u necessarji.

Konsegwentement il-konvenut ghandu jwiegeb ukoll ghad-danni rizultanti fil-karrozza ta' l-attur.

**<u>Likwidazzjoni tad-Danni</u>**

Dwar id-danni, il-perit legali ddetermina l-ammont komplessiv ta' Lm1297. Jirrizulta li dan l-ammont hu ggustifikat bil-provi u ricevuti u l-Qorti ssib il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-rigward taghhom validi u se tadottahom.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, prevja l-akkoljiment tar-rapport peritali,

(1) tiddikjara li l-kollizjoni li grat f'Notabile Road, Attard fil-21 ta' April 1995 bejn il-Metro numru F-7338 misjuqa minn Anthony Calleja, iben l-attur, u l-vettura numru M-2339 misjuqa mill-konvenut grat unikament b'tort u htija ta' l-istess konvenut li wera traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku,
(2) tillikwida d-danni li sofra l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' Lm1297, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm1297.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

D/Registratur